APPENDIX B

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U XOGĦOL

POST TA' GĦALLIEM FID-DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI (DSE) BIEX JAĦDEM F'LUSSEMBURGU

(Approvazzjoni skont il-*capacity building ad hoc* datata 03/12/2012)

* Skont Klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Għalliem fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) biex jgħallem prinċipalment il-Malti bħala l-ewwel lingwa u l-Ingliż bħala lsien barrani lil studenti tas-settur primarju fl-Iskola Ewropea ta' Lussemburgu mill-1 ta' Settembru 2013.

1.2 Dan l-ingaġġ ser ikun fuq bażi ta' sekondment skont r-*Regulations for Members of the Seconded Staff of the European School"* Ref: 2011-04-D-14-en-2, li jista jiġi aċċessat fuq www.education.gov.mt/vacancies.aspx.

1.2. Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal- 2006) li jidher fis-sit elettroniku: https://www.education.gov.mt/EducationAct.aspx

1.3. Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provista ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-Kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

It-Termini u l-Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju għall-post ta' għalliem huwa marbut mal-iskala sustantiva tal-kandidat li jintgħażel, jekk ikun uffiċjal pubbliku jew inkella mal-Iskala ta' Salarju 9 li fl-2013 huwa, ta' €17,753.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €20,437, jekk il-kandidat magħżul ma jkunx uffiċjal pubbliku.

2.2 Is-salarju bażiku tal-kandidat magħżul ikun suplimentat b'pakkett ta' rimunerazzjoni addizzjonali li d-dettalji tiegħu jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tad-DSE, https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx jew mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq L-Assedju il-Kbir, il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex, VCT 2000. Aktar dettalji fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, fosthom il-btajjel, il-leave, u l-bqija jistgħu jinkisbu mis-sorsi msemmija f'dan il-paragrafu.

2.3 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sentejn, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) u tinvolvi li persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.4 Il-persuna magħżula tidħol f'ħidma ta' sentejn (2), sabiex isservi bħala Għalliem/a fl-imsemmija skola, liema perjodu jista jiġġedded għal perjodu ta' tliet (3) snin, li jista' jiġġedded għal perjodu ieħor ta' erba' (4) snin. Il-ħidma tkun bi prova għal perjodu ta' sentejn (2). Il-perjodu totali tal-ħidma barra minn Malta ma jistax ikun ta' aktar minn disa' (9) snin u jista' jiġi tterminat fi kwlaunkwe żmien għal raġuni valida mid-Direttur tal-Iskejjel Ewropej u l-Ispettur nazzjonali skont l-arranġamenti tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-istess skejjel Ewropej.

2.5 Il-pakkett imsemmi f'paragrafu 2.2 huwa strettament marbut mat-twettiq tad-dmirijiet ta' Għalliem/a fl-Iskola Ewropea ta' Lussemburgu, liema pakkett ma jibqax jitħallas hekk kif il-ħidma tal-persuna magħżula tispiċċa jew tiġi tterminata.

2.6 Jekk il-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hi tiġi appuntata fil-grad sustantiv ta' Għalliem/a fid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi u fl-istess waqt li tkun qiegħda isservi perjodu ta' prova ta' sentejn (2) (ara paragrafu 2.4) hija tkun meħtieġa li sservi perjodu ta' prova ta' sena (1) fl-imsemmi grad sustantiv. Jekk ma tiġix ikkonfermata fl-imsemmi Grad sustantiv, l-impjieg tagħha mad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm. Iżda, jekk tiġi kkonfermata fil-Grad sustantiv iżda l-ħidma tagħha tispiċċa jew tiġi tterminata, hija terġa' tassumi d-dmirijiet ta' Għalliem/a skont l-esiġenzi lokali tad-DSE u tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.7 Kundizzjonijiet u proċeduri rigward l-aċċettazzjoni għall-post ta' Għalliem, jinsabu fuq https://www.education.gov.mt/acceptanceteacher.aspx jew jinkisbu mis-sezzjoni tal-*Customer Care*, id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex, VCT 2000. japplikaw, jekk u meta l-persuna magħżula, li ma tkunx uffiċjal pubbliku tiġi kkuntattjata mid-DSE.

2.8 Il-persuna magħżula tkun eliġibbli biex tapplika għal postijiet/pożizzjonijiet u tibqa' żżomm id-drittijiet ta' progressjoni kif stipulat fil-ftehim kollettiv għall-gradi tal-għalliema. Is-servizz mogħti fl-Iskola Ewropea ta' Lussemburgu, jiġi kkunsidrat bħala esperjenza ta' tagħlim u, b'konsegwenza t'hekk, il-persuna magħżula tibqa' żżomm id-drittijiet kollha tal-grad sustantiv tagħha.

Id-Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ġenerali tal-Għalliem/a maħtur/a jkunu jinkludu li:

- tgħallem u teduka studenti skont linji gwida pprovduti mid-Direttur tal-iskola, kif ukoll taqdi doveri oħra mitluba minnha li jkunu neċessarji għall-funzjoni xierqa tal-iskola;

- tgħallem u teduka studenti skont il-ħtiġijiet edukattivi, l-abbiltajiet u l-potenzjal tagħhom individwali skont kif fdati f'idejha mid-Direttur tal-Iskola jew il-Kap tad-Dipartiment li taħtu taqa';

- fl-aħjar interess tal-funzjoni xierqa tal-iskola, u biex it-tagħlim ikun effettiv, il-persuna magħżula tista' tintalab, wara li jkun ittieħed il-parir tal-ispettur nazzjonali, biex tgħallem suġġett ieħor li jkun relatat ma' dak/dawk li l-persuna magħżula tkun speċjalizzat fih/fihom.

- dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji fuq id-deskrizzjoni tal-ħidma ta' din il-kariga jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tad-DSE: https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx

Ir-Rekwiżiti tal-eliġibbilità

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu :-

(i) (a) ċittadini ta' Malta; **jew**

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'paragrafu (a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti għal żmien twil u joqogħdu f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw

permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jittieħed il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f' (b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw sew bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża; **U**

(iii) (a) ikollhom ċertifikat rikonuxxut fi Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u fl-Edukazzjoni Primarja (*Early Middle Years - EMY*), jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(b) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eleġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (a) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbilità tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' Grad ta' Baċellerat tal-Arti bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u l-Ingliż jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni (P.G.C.E.), fil-Malti jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(ċ) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eleġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (b) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbilità tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fil-Malti jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u ċertifikat fit-tagħlim tal-Ingliż tat-TEFL (*Teaching English as a Foreign Language*) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(d) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eleġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (ċ) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbilità tkun estiża wkoll għal applikanti fil-pussess ta' Grad ta' Baċellerat tal-Arti bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u l-Ingliż jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni (P.G.C.E.), fl-Ingliż jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(e) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali elegibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (d) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eleġibbilità tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fl-Ingliż jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u ċ-Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(iv) Minbarra r-rekwiżiti msemmija f'4.1 (iii) hawn fuq, l-applikanti jridu wkoll jissodisfaw dawn il-kriterji:

(a) ikollhom il-*Warrant* ta' Għalliem (*Permanent Warrant*) skont is-sezzjoni 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327); **U**

(b) bħalissa għandhom Grad ta' għalliem; **U**

(ċ) ikollhom mhux inqas minn ħames (5) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fl-aħħar għaxar (10) snin bħala għalliem/a regolari fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja; **U**

(d) kienu jgħallmu f'dawn l-aħħar sentejn (2) ta' qabel id-data tal-ħruġ ta' din is-sejħa fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja; **U**

(e) minbarra fl-Ingliż u l-Malti jkollhom għarfien sod ta' lingwa oħra tal-Unjoni Ewropea. L-għarfien tal-lingwa tal-post fejn il-persuna se tkun qed tgħallem huwa mixtieq;

Minħabba li d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet taqa' wara it-tieni nofs tat-tielet term, din is-sena skolastika (2012-2013) għandha titqies bħala parti mis-snin ta' esperjenza ta' tagħlim rikjesti tal-applikant;

(v) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw *is-Service and Leave Record Form* (GP47 https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dawk mitluba hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eleġibbiltà sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi msemmija f'paragrafu 4.1 t'hawn fuq.

4.3 L-applikanti prospettivi huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ, skont il-provvedimenti applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-*link* f'paragrafu 8 hawn taħt).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5. Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li persuna jkollha jridu jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopji għandhom jinhemżu mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree/Post-Graduate* jew kwalifika oħra rikonnoxxuta komparabbli, għandhom ikollhom magħhom traskrizzjoni bl-Ingliż, li turi l-grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Jiġu aċċettati kopji skennjati mibgħutin b'mod elettroniku. Il-fotokopji għandhom jinhemżu mal-applikazzjoni, filwaqt li ċ-ċertifikati oriġinali għandhom ikunu ppreżentati għall-verifika waqt l-intervista.

Il-Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eleġibbli jintalbu jagħmlu test ta' profiċjenza fil-Malti u ieħor fl-Ingliż. Jiġu intervistati biss dawk il-kandidati li jġibu tal-anqas 70% tal-marka f'kull test ta' profiċjenza minn Bord tal-Għażla, li jiddetermina min hu addattat għall-post. Fl-intervista l-applikanti jridu jippreżentaw portafoll professjonali li jinkludi fih l-aspetti ewlenin tal-iżvilupp professjonali tagħhom fit-tagħlim u xi riżorsi ta' tagħlim maħluqa minnhom.

6.2 It-testijiet ta' profiċjenza li huma ta' siegħa l-wieħed, ser isiru nhar il-Ġimgħa 5 ta' Lulju 2013 minn 15.30 sa 18.00, fis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana VLT 2000. L–applikanti li jagħaddu, jiġu mitluba li jattendu intervista fix-xahar ta' Lulju 2013. Ma jistgħux jiġu aċċettati rikjesti biex l-intervista tiġi posposta wara il-31 ta' Lulju 2013 minnħabba l-impenn li l-persuna magħżula trid tibda fl-1 ta' Settembru 2013.

Is-Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7.1 L-applikanti jistgħu japplikaw billi jimlew **il-formola tal-applikazzjoni**. Li tista tiġi aċċessata fuqhttps://www.education.gov.mt/mediacenter.ashx?file=MediaCenter/Docs/1_Regular%20Teachers%20ENG%202013.pdf. Madankollu, hija l-prerogattiva tad-DSE li tagħżel l-aħjar fost il-kandidati magħżula skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) u d-direttur tal-Iskola Ewropea.

7.2 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2013**. Aktar dettalji li jikkonċernaw is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali hawn taħt.

Provvedimenti Ġenerali

8. Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

- perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
- addattament raġonevoli għall-persuni b'diżabilità rreġistrati;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- test mediku;
- proċess tas-sottomissjoni tal-petizzjonijiet dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati.

jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359 jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, Triq L-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex, VCT 2000. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tal-Provvedimenti Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi hu +356 2598 2264.